Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2444/2003

**Jason Anthony Farrugia**

**vs**

**Martin Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lil-attur is-somma ta' elf, mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,187.66) rapprezentanti bilanc ta prezz ta' merkanzija relatata ma *computers* mibjugha lill-konvnenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta'ittra bnarja ammontanti ghal Lm11.50 u bl-imghax mid-data ta' kull invoice kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont mitlub mhux dovut.

Sema’ x-xhieda tal-attur u ta’ Debbie Calamatta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-nota prezentata mill-attur fil-15 ta’ Gunju 2004 fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta’ elf, mija sebgha u erbghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,147.66) stante pagament ta Lm40.00 fil-mori tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi l-ammot mitlub fil-kawza odjerna jirrapprezenta bilanc ta prezz ta’ merkanzija konsistenti f-oggetti relatati mal-kompjuters mibjugha u kkonsenjati mill-attur lill-konvenut. L-attur spjega li huwa *computer technician* u jbiegh il-kompjuters u oggetti relatai maghhom. Huwa qal ukoll li l-konvenut kien klijent tieghu u kien ibieghlu kompjuters assemblati kif ukoll parts taghhom.  L-attur esebixxa rendikont detaljat tal-ammont mitlub minnu kif ukoll id-*delivery notes* li kienu jigu ffirmati mill-konvneut meta kienet tigi konsenjata lilu l-merkanzija (a fol. 12). L-attur ikompli jghid li huwa nterpella lill-konvneut diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc tal-prezz tal-merkanzija dovut minnu izda dan tal-ahhar kien igib diversi skuzi u kien jitolbu aktar zmien sabiex ihallas. Kien hemm zmien fejn il-konvenut kien effetwa xi pagamenti akkont izda sal-llum l-ammont kif ridott ghadu dovut. L-attur spjega li l-konvenut qatt ma lmenta dwar il-kwalita tal-oggetti lilu mbjugha u qal ukoll li meta dan tal-ahhar kien ircieva l-ittra nterpellatorja mibghuta ilu mill-avukat difensur tal-attur huwa kien qallu li ma kellux ghalfejn jibghat dik l-ittra ghaliex kien jaf li ser ihallsu. Debbie Calamatta ikkonfermat li hija kienet prezenti ghal inkontru bejn il-partijiet fejn semghat lill-konvenut jitlob lill-attur aktar zmien sabiex ihallas il-bilanc dovut minnu.

Ghalkemm il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont mitlub m'huwiex dovut, huwa qatt ma deher u ressaq provi sabiex jissostnajza dawn l-eccezzjonijiet jew b'xi mod jirribatti l-provi mressqa mill-attur. Inoltre waqt il-mori tal-kawza huwa effetwa pagament akkont tal-ammont mitlub u fil-fatt l-attur irriduca t-talba tieghu.

It-Tribunal jidhirlu li l-attur rnexxielu jipprova soddisfacentement it-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi biili jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvneut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u sebgha u erbghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,147.66), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu soportasti nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------